**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0281/2023**

3.10.2023

# RAPPORT

Strateġija Ewropea dwar il-proteini
(2023/2015(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Emma Wiesner

PR_INI

# WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................3

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................21

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..................23

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......24

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**Strateġija Ewropea dwar il-proteini**
**(2023/2015(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar strateġija Ewropea għall-promozzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini – Inħeġġu l-produzzjoni tal-pjanti leguminużi u li fihom il-proteini fis-settur agrikolu Ewropew[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-ħtieġa ta' pjan ta' azzjoni urġenti tal-UE biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel kemm fl-UE kif ukoll barra l-UE fid-dawl tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent[3],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tan-NU tal-2022 bit-titolu "Thinking about the future of food safety and food allergies with regard to certain types of novel foods and protein sources" (Naħsbu dwar il-futur tas-sikurezza tal-ikel u l-allerġiji tal-ikel fir-rigward ta' ċerti tipi ta' ikel ġdid u sorsi ta' proteini),

– wara li kkunsidra l-istudju taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) ta' Lulju 2020 bit-titolu "Future of EU livestock: how to contribute to a sustainable agricultural sector?" (Il-futur tal-bhejjem fl-UE: kif se nikkontribwixxu għal settur agrikolu sostenibbli?),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Dublin tal-2022 dwar ir-rwol soċjetali tal-bhejjem,

– wara li kkunsidra l-aħħar għarfien xjentifiku, inkluża d-Dikjarazzjoni ta' Dublin tal-2022 u l-pubblikazzjonijiet relatati fil-ġurnal xjentifiku Animal Frontiers,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-FAO tan-NU tal-2022 bit-titolu "Thinking on the future of food safety – A foresight report" (Naħsbu dwar il-futur tas-sikurezza tal-ikel – Rapport ta' prospettiva),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-15 ta' Novembru 2022 intitolat "Lejn Settur tal-Algi tal-UE B'Saħħtu u Sostenibbli" (COM(2022)0592),

– wara li kkunsidrat l-Prospetti Agrikoli 2022 - 2031 tal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u tal-FAO,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2022 bit-titolu "EU agricultural outlook – For markets, income and environment 2022 - 2032" (Il-prospetti

[1] ĠU C 390, 18.11.2019, p. 2.
[2] ĠU C 361, 20.9.2022, p. 2.
[3] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 2.

agrikoli tal-UE – Għas-swieq, l-introjtu u l-ambjent 2022 - 2032),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-FAO ta' Ġunju 2023 bit-titolu "Contribution of terrestrial animal source food to healthy diets for improved nutrition and health outcomes – An evidence and policy overview on the state of knowledge and gaps" (Kontribut ta' ikel minn sors ta' annimali terrestri għal dieti tajbin għas-saħħa għal nutrizzjoni u riżultati fil-qasam tas-saħħa mtejba – Evidenza u ħarsa ġenerali tal-politika dwar l-istat tal-għarfien u l-lakuni),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-FAO u tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tal-2019 bit-titolu "Sustainable healthy diets – guiding principles" (Dieti sostenibbli tajbin għas-saħħa – prinċipji gwida),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-FAO tal-2021 bit-titolu "Integration of environment and nutrition in life cycle assessment of food items: opportunities and challenges" (Integrazzjoni tal-ambjent u n-nutrizzjoni fil-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-oġġetti tal-ikel: opportunitajiet u sfidi),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2018 dwar l-iżvilupp tal-proteini tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea (COM(2018)0757),

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-4 ta' Jannar 2023 dwar fatturi ewlenin tas-sigurtà tal-ikel (SWD(2023)0004),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381),

– wara li kkunsidra l-ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999[4],

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

– wara li kkunsidra l-Prospetti tal-Popolazzjoni Dinjija tan-NU 2022,

– wara li kkunsidra l-Prospetti Agrikoli 2021-2030 tal-OECD u tal-FAO tan-NU,

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Panel ta' Valutazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi bit-titolu "Got Protein? Alternative protein sources in sustainable animal and human nutrition: Potentials and prospects" (Għandek Proteina? Sorsi alternattivi ta' proteini f'nutrizzjoni sostenibbli tal-annimali u tal-bniedem),

[4] ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10 u l-11 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0281/2023),

A. billi l-proteina hija essenzjali kemm għall-bnedmin kif ukoll għall-annimali u, għalhekk, hija komponent indispensabbli fl-ikel u fl-għalf ikkonsmati kuljum;

B. billi l-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni Russa fl-Ukrajna kellhom effetti sinifikanti fuq il-kummerċ Ewropew u globali, filwaqt li enfasizzaw li l-UE jeħtieġ li tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista tal-ikel u tal-għalf tagħha sabiex iżżid l-awtonomija miftuħa tagħha u tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-inputs minn fornitur barrani wieħed biss jew minn ftit fornituri barranin sabiex issaħħaħ il-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti u r-reżiljenza kumplessiva tas-settur tal-proteini tal-UE;

C. billi l-UE tipproduċi 77 % tal-proteina tal-għalf li tuża (li tiżdied għal 96 % fil-każ ta' għalf b'kontenut baxx ta' proteini, u 89 % f'dak tal-għalf b'kontenut medju ta' proteini); billi, madankollu, 29 % biss tal-materja prima b'livell għoli ta' proteini meħtieġa biex jiġi bbilanċjat l-għalf tal-annimali toriġina fl-UE; billi, bħala konsegwenza, l-UE tiddependi ħafna mill-importazzjonijiet ta' prodotti bbażati fuq il-pjanti b'livell għoli ta' proteini minn pajjiżi mhux tal-UE, u b'hekk l-UE tibbaża fuq l-importazzjonijiet tal-fażola tas-sojja u d-dqiq tas-sojja mill-Istati Uniti u l-Amerka t'Isfel; billi, b'mod partikolari fl-Amerka t'Isfel, din id-dipendenza spiss tixpruna bidla fl-użu tal-art u żieda fl-impronta tal-ilma tal-UE, flimkien ma' problemi ambjentali fil-pajjiżi produtturi, bħall-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, in-nuqqas ta' ilma, it-telf ta' nutrijenti, l-erożjoni tal-ħamrija u d-deforestazzjoni, li jirriżultaw fi tnaqqis fil-bijodiversità; billi l-kultivazzjoni tal-pjanti li fihom il-proteini jista' jkollha konsegwenzi negattivi fuq is-soċjetà u s-saħħa fil-pajjiżi produtturi, aggravata minn drittijiet batuti għaż-żamma ta' art, ħtif tal-art, tkeċċija sfurzata u abbużi oħra tad-drittijiet tal-bniedem;

D. billi għalkemm il-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini fl-UE tjiebet matul dawn l-aħħar 10 snin, għad hemm nuqqas sinifikanti fil-produzzjoni domestika hekk kif żdiedet ukoll il-produzzjoni tal-bhejjem, u b'hekk ġiet ikkonsolidata d-dipendenza qawwija tal-UE fuq l-importazzjonijiet ta' għelejjel li fihom ħafna proteini minn pajjiżi mhux tal-UE;

E. billi ż-żieda fiċ-ċirkolarità bejn il-proteini bbażati fuq il-pjanti u dawk ibbażati fuq l-annimali, bħall-użu ta' flussi ta' skart ta' proteini bbażati fuq il-pjanti għall-ikel bħala għalf għall-produzzjoni ta' proteini derivati mill-annimali, flimkien mal-produzzjoni aktar sostenibbli tat-tipi kollha disponibbli ta' proteini, huma kruċjali għat-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel aktar sostenibbli b'impatt imnaqqas fuq il-klima u l-bijodiversità; billi ż-żieda fil-kultivazzjoni u l-konsum ta' proteini bbażati fuq il-pjanti huma wkoll fatturi abilitanti fit-tranżizzjoni; billi l-impronta ambjentali tal-prodotti tal-annimali tista' titnaqqas permezz ta' addittivi tal-għalf li jgħinu lill-annimali jiddiġerixxu l-proteini u jnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan u tal-ammonijaka tagħhom;

F. billi l-għelejjel leguminużi u l-artijiet bil-ħaxix jgħinu biex tinżamm u tittejjeb il-kwalità u l-fertilità tal-ħamrija, iżidu l-bijodiversità, jiffissaw il-karbonju u n-nitroġenu u jikkontribwixxu għaż-żamma tal-ilma; billi l-legumi jistgħu jitkabbru b'inqas fertilizzant kimiku minħabba simbjożi mal-batterji tal-ħamrija; billi t-tkabbir ta' għelejjel leguminużi, minkejja l-profittabbiltà ekonomika baxxa tiegħu, jagħti kontribut pożittiv għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għal impatti ambjentali oħra kif ukoll għat-tnaqqis tal-pressjoni mill-ħaxix ħażin, u b'hekk jindirizza l-isfidi ambjentali u klimatiċi f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku;

G. billi tekniki ġodda ta' tnissil jista' jkollhom rwol ewlieni fit-titjib tal-profittabbiltà u fl-ilħuq tal-miri tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, pereżempju billi jżidu r-rendimenti, jagħtu spinta lill-kontenut u l-kwalità tal-proteini u jippermettu lill-UE ssaħħaħ l-adattament reġjonali tal-għelejjel u tagħmilhom aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u għall-patoġeni;

H. billi l-politika agrikola komuni (PAK) tippermetti li tiġi appoġġjata l-kultivazzjoni ta' għelejjel li fihom il-proteini u ta' artijiet bil-ħaxix;

I. billi l-ipproċessar tal-għelejjel li fihom il-proteini u l-artijiet bil-ħaxix jiġġenera prodotti sekondarji li jistgħu jintużaw b'mod li jappoġġja l-ekonomija ċirkolari, bħall-użu tagħhom għall-konsum mill-bniedem, għall-enerġija rinnovabbli, għall-fertilizzanti, għall-għalf tal-annimali jew għall-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi ekoloġiċi; billi, bħala prodott sekondarju, il-bhejjem jipproduċu fertilizzant siewi li jappoġġja r-reżiljenza tal-UE fil-produzzjoni tal-ikel; billi n-nitroġenu meħtieġ biex jitkabbru l-għelejjel huwa prinċipalment ipprovdut minn fertilizzanti sintetiċi, li huma għaljin u jużaw ħafna enerġija biex jiġu prodotti; billi, bħala parti mis-sistemi ta' ġestjoni tad-demel kif ukoll l-użu sikur tal-ħama tad-dranaġġ, RENURE (REcovered Nitrogen from manURE), iżid l-effiċjenza tar-riżorsi u jippermetti progress lejn ekonomija aktar ċirkolari;

J. billi t-trobbija tal-annimali tista' tiġġenera proteini bijodisponibbli ħafna għan-nutrizzjoni tal-bniedem;

K. billi l-produzzjoni tal-għelejjel tat-tipi kollha ta' għelejjel agrikoli, inklużi l-għelejjel li fihom il-proteini, tipproduċi bijomassa li fil-biċċa l-kbira tagħha ma tistax tittiekel mill-bnedmin (kilo ta' proteina bbażata fuq il-pjanti tiġġenera madwar tlieta sa ħames kilos ta' bijomassa li tittiekel biss mir-ruminanti);

L. billi l-konsum ta' proteini tal-annimali prodotti lokalment u b'mod sostenibbli jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel tal-UE u jsaħħaħ il-vitalità taż-żoni rurali tal-Ewropa; billi l-proteini tal-annimali huma prodotti fl-UE skont uħud mill-ogħla standards ta' sostenibbiltà fid-dinja f'termini ta' trattament xieraq tal-annimali, il-klima u l-ambjent, u spiss jikkostitwixxu komponent importanti ta' dieta bilanċjata; billi fl-UE, it-trobbija tal-annimali tiddependi ħafna mill-importazzjonijiet ta' għelejjel b'kontenut għoli ta' proteini, li jridu jitkabbru fuq raba' li jinħadem barra mill-UE;

M. billi t-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sigurtà tal-ikel Ewropew permezz tal-konsum ta' proteini tal-annimali prodotti fl-UE jikkontribwixxi għal produzzjoni aktar sostenibbli fuq livell globali;

N. billi l-proteini li ġejjin mill-annimali jipprovdu proteini ta' kwalità għolja u huma l-aktar

sors ta' proteini bijodisponibbli għall-bnedmin, li huwa partikolarment importanti għan-nisa fertili, it-tfal, l-adolexxenti, u l-persuni anzjani jew fraġli;

O. billi l-produzzjoni estensiva tal-bhejjem, b'mod partikolari f'żoni remoti u muntanjużi, hija attività sostenibbli ħafna u tgħin biex jiġi żgurat li dawn iż-żoni jibqgħu popolati;

P. billi l-proteina akkwatika u tal-akkwakultura sostenibbli tista' tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel globali, in-nutrizzjoni u dieti bbilanċjati tajbin għas-saħħa; billi l-akkwakultura intensiva ħafna drabi tista' tkun akkumpanjata minn diversi impatti ambjentali negattivi, bħall-konsegwenzi tal-użu ta' sustanzi kimiċi jew antibijotiċi; billi l-alka tista' tipprovdi opportunità biex jitnaqqsu l-impatti ambjentali negattivi tal-akkwakultura;

Q. billi proteini alternattivi bħall-fungi jew il-prodotti ta' fermentazzjoni jirrikjedu inputs b'ħafna karboidrati; billi din il-produzzjoni tista' tuża residwi u flussi ta' skart mill-produzzjoni tal-ikel konvenzjonali, u b'hekk tikkontribwixxi għal ekonomija aktar ċirkolari; billi l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart timponi piż regolatorju qawwi fuq il-produtturi li jipproċessaw l-iskart tal-ikel;

R. billi l-potenzjal tal-proteini bbażati fuq l-insetti għan-nutrizzjoni tal-bniedem u b'mod partikolari tal-annimali qed jikber u potenzjalment jista' jnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni tal-proteini; billi huwa meħtieġ aktar għarfien dwar is-sostenibbiltà tat-trobbija tal-insetti u l-konsumaturi għandhom jingħataw l-informazzjoni ċara li jixtiequ u li huma intitolati għaliha dwar il-preżenza ta' ingredjenti bbażati fuq l-insetti f'diversi prodotti finali;

S. billi s-suq għat-tipi kollha ta' proteini prodotti b'mod sostenibbli, speċjalment il-proteini bbażati fuq il-pjanti u l-annimali, żviluppa f'dawn l-aħħar snin; billi l-produzzjoni ta' dawn il-proteini toħloq ħafna opportunitajiet għall-bdiewa u l-produtturi tal-ikel Ewropej; billi l-proteini bbażati fuq il-pjanti diġà jgawdu domanda, aċċettazzjoni u maturità teknoloġika għolja u dejjem tikber tal-konsumaturi;

T. billi l-konsumaturi qed jitolbu aktar trasparenza u informazzjoni dwar is-sostenibbiltà tal-ikel; billi ma hemm l-ebda tikketta jew dikjarazzjoni tal-prodotti standardizzati volontarji biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali tal-proteini la għall-konsum mill-bniedem u lanqas għall-għalf tal-annimali u l-addittivi tal-għalf;

U. billi huwa importanti li jiġi adottat approċċ ta' katina tal-valur sabiex jinħoloq valur miżjud għall-proteini prodotti b'mod sostenibbli, speċjalment il-proteini bbażati fuq il-pjanti, peress li l-produzzjoni ta' prodotti b'valur miżjud għoli u miksuba lokalment issaħħaħ il-katina tal-valur u tħeġġeġ lill-bdiewa jinvestu;

V. billi r-riċerka u l-innovazzjoni fil-produzzjoni sostenibbli tas-sorsi kollha ta' proteini jeħtieġ li jinkludu l-bdiewa, u għandhom iżidu l-enfasi tagħhom fuq il-proteini bbażati fuq il-pjanti u l-annimali peress li f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, kemm ir-riċerka u l-innovazzjoni privati kif ukoll pubbliċi tal-UE kkonċentraw prinċipalment fuq iċ-ċereali u ż-żrieragħ żejtnin;

W. billi t-taħriġ ġenerali u t-trasferiment tal-għarfien jilħqu biss madwar 10 % tal-azjendi agrikoli tal-UE; billi hemm ħtieġa kritika li jsir aktar investiment fit-taħriġ u fis-servizzi

ta’ konsulenza għall-bdiewa, biex jinfirex l-għarfien dwar l-għelejjel li fihom il-proteini, l-aħjar prattiki, il-bidliet fl-imġiba, il-kultivazzjoni tal-artijiet bil-ħaxix u l-estrazzjoni tal-proteini minn sorsi alternattivi;

*Ħtieġa ċara ta’ strateġija komprensiva tal-UE dwar il-proteini biex jissaħħaħ il-potenzjal tal-proteini*

1. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta b’mod urġenti strateġija komprensiva u ambizzjuża tal-UE dwar il-proteini li tkopri l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tat-tipi kollha ta’ proteini fl-UE, speċjalment il-proteini bbażati fuq il-pjanti u l-annimali, u tintroduċi miżuri effettivi biex tingħata spinta lill-awtonomija miftuħa Ewropea tal-proteini fuq perjodu ta’ żmien qasir, medju u twil; jissottolinja li l-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini u tal-proteini bbażati fuq il-pjanti għandha tingħata prijorità;

2. Iqis li l-istrateġija tal-UE dwar il-proteini għandha tkun ibbażata fuq:

   1. Viżjoni għall-produzzjoni tal-proteini u l-flussi kummerċjali strateġiċi u sostenibbli tal-UE li taqbel mal-ħtiġijiet u d-domandi tagħna;

   2. Pjan ta’ azzjoni għal żieda fil-produzzjoni u l-konsum tal-proteini fl-UE bbażati fuq il-pjanti;

   3. Kundizzjonijiet aħjar għal produzzjoni aktar sostenibbli ta’ proteina kemm ibbażata fuq il-pjanti kif ukoll fuq l-annimali fl-UE;

   4. L-iżvilupp ta’ sistemi sostenibbli ta’ proteini għall-ikel u l-għalf;

   5. Approċċ olistiku li neċessarjament jinkludi l-bdiewa flimkien mal-katina kollha tal-valur tal-ikel, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari;

   6. Azzjonijiet ta’ politika konkreti bbażati fuq ix-xjenza għall-iżvilupp, l-innovazzjoni u r-riċerka dwar proteini prodotti b’mod sostenibbli;

*Viżjoni għal żieda fil-produzzjoni tal-proteini fl-UE*

3. Jissottolinja li, minn perspettiva ġeopolitika u strateġika, kif ukoll biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, il-livelli ta’ reżiljenza Ewropej jeħtieġ li jissaħħu b’mod sinifikanti f’setturi kruċjali bħall-provvista tal-ikel u l-għalf billi jitnaqqsu, kemm jista’ jkun, id-dipendenzi fuq prodotti u riżorsi agrikoli minn fornitur wieħed biss jew minn ftit fornituri permezz ta’ produzzjoni domestika aktar b’saħħitha, filwaqt li titħeġġeġ il-kompetittività tal-UE biex tiġi evitata l-konċentrazzjoni tas-swieq f’idejn ftit atturi ewlenin biss; jisħaq, għalhekk, li l-UE jeħtieġ li żżid il-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti u li dan jista’ jsir biss fi stadji sabiex il-bdiewa u s-swieq ikunu jistgħu jadattaw kif xieraq;

4. Jenfasizza li l-produzzjoni sostenibbli, diversifikata u domestika tal-proteini trid tiġi rikonoxxuta bħala aspett kruċjali tas-sistema tal-ikel u tal-għalf tal-UE sabiex tiġi żgurata biżżejjed disponibbiltà ta’ ikel u għalf sikuri u ta’ kwalità u biex jinżammu

ktajjen tal-provvista tal-ikel u flussi kummerċjali reżiljenti u li jiffunzjonaw; jenfasizza l-għan li tinkiseb provvista aktar sostenibbli u diversifikata ta' proteini fis-sistema tal-ikel tal-UE;

5. Iqis li t-tkabbir ta' pjanti li fihom il-proteini u artijiet bil-ħaxix jista' jkollu benefiċċji sinifikanti għall-kwalità tal-ħamrija, il-klima u l-bijodiversità, u f'ċerti kundizzjonijiet għandu l-potenzjal li jnaqqas l-inputs bħall-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti; jirrimarka li t-trobbija estensiva tal-annimali bbażata fuq l-artijiet bil-ħaxix twieġeb ukoll għall-ħtiġijiet tad-dieta naturali tal-annimali u jista' jkollha effetti pożittivi fuq l-ambjent u kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li tikkontribwixxi għal ekonomija ċirkolari; jenfasizza l-importanza taċ-ċereali u l-artijiet bil-ħaxix, speċjalment il-mergħat tal-ħaxix u tas-silla, bħala sors ta' għalf għall-bhejjem u jemmen li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' ekoskemi għal-legumi u l-artijiet bil-ħaxix u joħolqu fondi ddedikati għall-pjanti li fihom il-proteini, kif għandhom xi Stati Membri; jisħaq li l-produzzjoni estensiva tal-bhejjem, b'mod partikolari f'żoni remoti u muntanjużi, hija attività sostenibbli u tipprovdi aktar inċentivi lill-popolazzjonijiet lokali biex jgħixu f'dawn iż-żoni;

6. Jirrimarka li l-istrateġija dwar il-proteini għandha tappoġġja t-tranżizzjoni ambjentali permezz tal-iżvilupp ta' sorsi ta' proteini sostenibbli u tikkontribwixxi kemm għall-awtonomija Ewropea miftuħa tal-proteini kif ukoll għar-reżiljenza tal-bdiewa u taż-żoni rurali tal-UE; jirrikonoxxi r-rwol tas-sorsi tal-proteini fl-ekonomija ċirkolari u jqis li l-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari u l-iżgurar tal-produzzjoni tat-tipi kollha ta' proteini disponibbli, speċjalment il-proteini bbażati fuq il-pjanti u l-annimali, jistgħu jikkontribwixxu kemm għaż-żamma ta' livelli għoljin ta' saħħa tal-bniedem kif ukoll biex jippermettu t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel verament sostenibbli; ifakkar fl-importanza taċ-ċirkolarità bejn it-trobbija sostenibbli tal-bhejjem u l-kultivazzjoni tal-għelejjel;

7. Iqis li l-iżvilupp ta' produzzjoni sostenibbli ta' proteini tal-pjanti fl-UE, kif ukoll li l-produzzjoni tal-bhejjem issir aktar sostenibbli permezz ta' miżuri bħaż-żieda fiċ-ċirkolarità tal-ktajjen tal-valur tal-ikel u tal-għalf, huma modi effettivi biex jiġu indirizzati ħafna mill-isfidi ambjentali, soċjetali u klimatiċi li tiffaċċja l-UE, kif ukoll biex jiġu pprevenuti d-deforestazzjoni, ir-rilokazzjoni tal-produzzjoni u s-sajd żejjed barra mill-UE; jemmen li l-bdiewa jista' jkollhom rwol ċentrali fil-bini ta' sistema reżiljenti tal-proteini jekk din tiġi appoġġjata kif xieraq u jirrikonoxxi li l-produzzjoni tal-proteini tirrikjedi approċċ olistiku għal sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti;

8. Jenfasizza li r-rilokazzjoni tal-produzzjoni barra mill-UE u l-importazzjoni taċ-ċanga jew tal-għelejjel li fihom il-proteini bħall-fażola tas-sojja xi kultant hija assoċjata mad-deforestazzjoni, it-tibdil mhux sostenibbli fl-użu tal-art u l-impatti ambjentali negattivi bħall-erożjoni tal-ħamrija u l-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, peress li l-produtturi mhux tal-UE jistgħu jinżammu biex inaqqsu s-sostenibbiltà, l-istandards regolatorji u etiċi mill-produtturi fl-UE; iqis li l-prodotti importati għandhom jissodisfaw standards ta' sostenibbiltà komparabbli sabiex jipprovdu kompetittività akbar għall-produtturi tal-UE u jipprevjenu r-rilokazzjoni tal-produzzjoni tal-UE barra mill-pajjiż;

9. Jiġbed l-attenzjoni għad-domanda globali dejjem tikber għall-proteini, inkluż għall-proteini li joriġinaw mill-annimali;

10. Ifakkar fl-impenji tal-UE f'dawk li huma l-SDGs tan-NU u l-kontribut sinifikanti li l-agrikoltura u l-akkwakultura tal-UE jagħtu għall-provvista ta' proteini sostenibbli, filwaqt li jitqies il-kontribut tal-produzzjoni tal-proteini tal-UE għall-SDGs;

11. Iqis li ż-żieda fl-awtosuffiċjenza alimentari tal-UE hija objettiv ewlieni li jirrikjedi kundizzjonijiet ekwi u appoġġ qawwi għas-settur agrikolu Ewropew;

***Kundizzjonijiet aħjar għall-produzzjoni tal-proteini fl-UE***

12. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-proteini tibda mill-bdiewa, bl-appoġġ tas-sajjieda u tal-akkwakulturisti, u għalhekk dawn jeħtiġilhom ikunu fiċ-ċentru tal-istrateġija, peress li huma element essenzjali għall-bini ta' sistema reżiljenti tal-proteini; jisħaq li settur agrikolu, tal-ikel u tal-għalf profittabbli huwa prerekwiżit għal settur tal-proteini b'saħħtu fl-UE; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tesplora opportunitajiet li jippermettu mudell kummerċjali profittabbli għall-bdiewa biex tgħinhom jikkonvertu l-għelejjel tagħhom fi prodotti tal-ikel u tal-għalf attraenti billi jżidu r-reżiljenza tal-għelejjel, ir-rendimenti tal-proteini u l-kwalità tal-proteini;

13. Jissottolinja li skont il-karta tal-bilanċ tal-proteini tal-għalf tal-UE, it-tipi kollha ta' proteini bbażati fuq il-pjanti jistgħu jikkontribwixxu għal żieda fil-produzzjoni ta' proteini fl-UE: proteini b'inqas minn 15 % kontenut ta' proteini (għalf, ċereali), proteini b'kontenut medju ta' proteini ta' 15-30 % (għalf niexef, nuħħala tal-qamħ), proteini b'kontenut għoli ta' proteini ta' 30-50 % (dqiq taż-żerriegħa żejtnija), proteini b'kontenut għoli ħafna ta' proteini ta' aktar minn 50 % (prodotti sekondarji tal-industrija tal-lamtu, proteini tal-patata, proteini pproċessati tal-annimali, proteini tal-insetti); jissottolinja wkoll li r-riċerka dwar il-proteini tal-annimali tista' tikkontribwixxi għal żieda f'din il-produzzjoni;

14. Jisħaq li l-agrikoltura u n-negozji Ewropej jeħtiġilhom isiru aktar kompetittivi fil-qasam tal-proteini għall-ikel u l-għalf u li s-settur agrikolu huwa dipendenti fuq inputs sostenibbli u bi prezz raġonevoli bħall-enerġija, l-għalf, l-addittivi tal-għalf, il-materjal tajjeb tal-pjanti, il-fertilizzanti u l-ħamrija ta' kwalità tajba; huwa tal-fehma li sabiex tiżdied il-kompetittività tal-produtturi Ewropej tal-proteini, l-inċentivi jridu jiżdiedu u li jridu jittaffew il-piżijiet regolatorji bla bżonn għall-produzzjoni tal-proteini;

15. Jirrikonoxxi l-importanza tal-addittivi tal-għalf fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, fit-titjib tad-diġestjoni tal-proteini u fl-iżgurar ta' strateġiji tal-għalf korretti u r-riformulazzjoni tal-għalf; jisħaq li l-perjodu ta' awtorizzazzjoni għall-addittivi tal-għalf irid jitqassar u għandha tiġi permessa aktar flessibbiltà; jissottolinja li l-proċess ta' tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet irid jinħoloq b'tali mod li ma jipperikolax it-tneħħija gradwali ta' addittivi effettivi;

16. Ifakkar li se jkun impossibbli li tiżdied il-produzzjoni ta' proteina bbażata fuq il-pjanti mingħajr materjali tal-pjanti ta' kwalità tajba; ifakkar li tekniki ġodda ta' tnissil se jipprovdu opportunitajiet kbar biex jiġu żviluppati pjanti u speċijiet adattati għar-reġjun li huma ottimizzati għall-kundizzjonijiet Ewropej; iqis li huma meħtieġa aktar riċerka u żvilupp dwar iċ-ċereali, il-pjanti u l-ħaxix li fihom il-proteini sabiex jiżdied il-valur

nutrittiv tagħhom, l-adattament lokali u r-reżistenza għat-theddid naturali;

17. Jappella għall-adozzjoni b'ħeffa ta' qafas imfassal apposta għal tekniki ġodda ta' tnissil li jippermetti l-iżvilupp aktar mgħaġġel ta' varjetajiet ta' pjanti ġodda u robusti, inklużi l-għelejjel li fihom il-proteini;

18. Iqis li l-kontroll tal-pesti u l-patoġeni għandu rwol vitali fil-ħsad b'suċċess tal-għelejjel li fihom il-proteini, u għalhekk il-monitoraġġ u r-riċerka xjentifika dwar l-okkorrenza, l-iżvilupp u t-tixrid ta' dawn il-pesti u l-patoġeni huma kruċjali; jirrikonoxxi li l-iżvilupp ta' miżuri effiċjenti biex titnaqqas il-ħsara ekonomika kkawżata minn dawn il-pesti u l-patoġeni u l-iżvilupp ta' miżuri alternattivi f'termini ta' innovazzjonijiet tekniċi bħall-biedja ta' preċiżjoni jew ir-robotika, l-insetti ta' benefiċċju jew il-pestiċidi b'periklu baxx huma importanti sabiex tingħata spinta lill-produzzjoni totali Ewropea tal-proteini;

19. Jemmen li l-fertilizzazzjoni tal-artijiet bil-ħaxix bid-demel tikkontribwixxi għall-awtosuffiċjenza tal-bdiewa f'termini ta' proteini; iqis li l-ħaxix fertilizzat b'mod xieraq jibqa' bil-bosta l-orħos sors ta' proteina kif ukoll dak l-aktar effiċjenti u l-aktar sostenibbli għar-ruminanti; jistieden lill-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-valutazzjonijiet ambjentali li saru, tipproponi mingħajr dewmien, miżuri ta' politika fuq terminu medju u twil biex tagħlaq iċ-ċirku tan-nutrijenti, bħall-aġevolazzjoni tal-użu ta' prodotti organiċi alternattivi bħan-nitroġenu rkuprat mid-diġestat, mill-bijoskart, minn prodotti oħra tad-demel (RENURE) u minn skart mill-industrija tal-ikel, billi tikklassifikahom bħala sostitut għall-fertilizzanti kimiċi abbażi ta' kriterji xjentifiċi, bħala opportunità għall-bdiewa biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-fertilizzanti kimiċi u jżidu ċ-ċirkolarità fuq l-azjenda agrikola u l-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem permezz tal-irkupru u l-użu mill-ġdid ta' residwi bħad-demel;

20. Ifakkar li l-produzzjoni tal-bijometan, tal-bijogass, tal-bijofjuwils jew ta' sustanzi kimiċi oħra b'bażi bijoloġika li jużaw flussi ta' bijoskart hija wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għal produzzjoni aktar sostenibbli u hija sors ta' dħul sinifikanti li jtejjeb il-valur ta' għelejjel b'kontenut għoli ta' proteini u jsaħħaħ l-argument favur il-vijabbiltà tal-bdiewa biex jadottawhom, filwaqt li fl-istess ħin joffri alternattivi sostenibbli għall-fjuwils fossili u jikkontribwixxi għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG); jissottolinja li t-tkabbir fil-produzzjoni tal-proteina tal-pjanti għall-ikel u l-għalf jista' jwassal biex il-prodotti sekondarji jintużaw b'aktar modi għall-bijoenerġija u b'hekk għal valur ekonomiku ogħla mill-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini; iqis, f'dan ir-rigward, li trid tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-politiki differenti tal-UE;

21. Jirrikonoxxi li l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-livell tal-azjendi agrikoli ħafna drabi hija marbuta mal-produzzjoni tal-proteini u għandha tiġi aġevolata aktar, u li konsegwentement żieda fil-produzzjoni tal-proteini tista' tgħin lill-UE ttejjeb il-produzzjoni tal-prodotti tal-bijoenerġija;

22. Jirrikonoxxi li l-iżvilupp, il-kultivazzjoni u l-użu ta' għelejjel rikki fil-proteini spiss jirrikjedu prattiki ġodda ta' ġestjoni u kooperazzjoni bejn il-bdiewa u jqis li għandha tiġi analizzata l-possibbiltà li jiġu rikonoxxuti strutturi organizzattivi ġodda fil-PAK;

23. Jisħaq li, sabiex tingħata spinta lill-investimenti f'ħamrija aktar b'saħħitha u prattiki ġodda ta' newba tal-għelejjel, l-għanijiet fit-tul jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn

evalwazzjoni tas-servizzi pprovduti lis-soċjetà;

***L-iżgurar ta' ekonomija ċirkolari xierqa u funzjonali billi jiġi rikonoxxut ir-rwol komplementari kemm tal-proteini bbażati fuq il-pjanti kif ukoll tal-annimali fis-sistema***

24. Jenfasizza l-potenzjal u l-valur miżjud sinifikanti tal-proteini bbażati fuq il-pjanti u l-annimali prodotti b'mod sostenibbli u l-fatt li l-iżvilupp sostenibbli tas-settur se jkun ta' benefiċċju għall-bdiewa Ewropej, il-kwalità tal-ħamrija, iċ-ċikli tan-nutrijenti, il-bijodiversità, il-klima, l-ekonomija ċirkolari u s-saħħa tal-bniedem u huwa strateġikament importanti għas-sigurtà Ewropea tal-ikel;

25. Jissottolinja li l-politiki jridu joħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn il-partijiet ikkonċernati u l-prodotti kollha u li l-konsum tal-proteini jrid ikun aktar sostenibbli; jappoġġja miżuri ta' politika li jippermettu lill-konsumaturi jqabblu l-prestazzjoni bejn il-prodotti, kif indikat fil-qafas leġiżlattiv li jmiss għal sistema tal-ikel sostenibbli;

26. Jisħaq fuq l-importanza tal-għalf oħxon, bħall-artijiet bil-ħaxix jew is-silla, b'mod partikolari flimkien mal-produzzjoni tal-bhejjem, bħala sors ta' proteina u l-kobenefiċċji pożittivi li l-artijiet bil-ħaxix għandhom fuq il-bijodiversità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-għodod tal-PAK, bħall-ekoskemi, biex jinċentivaw dawk is-sorsi ta' proteini taħt dawn l-iskemi; jissottolinja li t-trobbija tar-ruminanti hija mod effiċjenti kif l-artijiet bil-ħaxix permanenti jiġu kkonvertiti f'ikel disponibbli għall-konsum mill-bniedem; jenfasizza r-rilevanza ta' proġetti li jestrattaw proteina ta' kwalità għolja għall-ikel u l-għalf mill-artijiet bil-ħaxix permezz tar-raffinar bijoloġiku, u fl-istess ħin ikunu jistgħu jipproduċu prodotti tal-bijoenerġija bħala prodott sekondarju; iqis li jeħtieġ li jiġi indirizzat aktar finanzjament lejn ir-riċerka dwar ir-raffinar bijoloġiku u l-użu kummerċjali tiegħu;

27. Ifakkar li l-produzzjoni ta' proteini tal-annimali bbażati fuq riżorsi mhux tajbin għall-ikel użati bħala għalf bħall-foraġġ u prodotti sekondarji mill-ipproċessar ta' impjanti tal-proteini, tikkontribwixxi ħafna għaċ-ċirkolarità fil-minimizzazzjoni tal-iskart tal-ikel u tipprovdi valur miżjud sinifikanti għall-produzzjoni tal-pjanti tal-proteini u hija wkoll kruċjali biex jiġu żgurati żoni rurali dinamiċi, il-ġestjoni tal-pajsaġġ, u l-preżervazzjoni ambjentali;

28. Iħeġġeġ il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja fl-Unjoni Ewropea bħala sors ta' proteina bbażata fuq il-pjanti billi jiġi inċentivat l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp biex jittejbu l-kwalità u r-rendiment tal-għelejjel; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess għall-finanzjament u l-ħtieġa ta' appoġġ addizzjonali għall-produtturi agrikoli, inklużi l-produtturi żgħar, biex tiżdied il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja fl-UE; iqis li huwa meħtieġ li jiġu identifikati u promossi l-aħjar prattiki agrikoli għall-kultivazzjoni tal-fażola tas-sojja fl-UE, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' produzzjoni sostenibbli u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni ambjentali; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza fuq is-sojja fl-għalf tal-annimali minn pajjiżi mhux tal-UE;

29. Jisħaq li l-programmi ta' riċerka għandhom jiffukaw fuq l-għelejjel li fihom il-proteini tal-pjanti li huma adatti għall-kundizzjonijiet klimatiċi u tat-tkabbir tal-Ewropa u li jistgħu jiġu integrati fis-sistemi tal-biedja eżistenti; jemmen li huwa importanti li l-

bdiewa jiġu appoġġjati f'din it-tranżizzjoni, li jitneħħew l-ostakli għad-dħul ta' dan is-suq u li l-bdiewa jiġu megħjuna jibbenefikaw minn dawn il-ktajjen ta' valur ġodda;

30. Jappella għal aktar riċerka u żvilupp tal-varjetajiet tal-għelejjel li jipprovdu sorsi addizzjonali ta' proteini b'ċikli qosra ta' produzzjoni adatti għat-tkabbir intermedju tal-għelejjel fin-newba tal-għelejjel eżistenti;

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw l-inċentivi kollha disponibbli tal-PAK biex iżidu l-għelejjel leguminużi, inkluż l-appoġġ akkoppjat, il-miżuri agroambjentali, is-servizzi konsultattivi u l-programmi settorjali ġodda; iqis li, barra minn hekk, il-kampanji ta' promozzjoni biex tingħata spinta lid-domanda għal-legumi għall-ikel jistgħu jgħinu ħafna biex jistimulaw il-produzzjoni tal-UE;

32. Jirrikonoxxi l-potenzjal qawwi tal-qanneb bħala għalla li fiha l-proteini sostenibbli u jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi armonizzata r-regolamentazzjoni tiegħu fil-livell tal-UE biex jiġu aġevolati l-kultivazzjoni u l-ipproċessar tiegħu fl-ikel u fl-għalf;

33. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu applikati standards ta' sostenibbiltà għall-prodotti importati, li tiġi protetta l-kompetittività tal-produtturi Ewropej u li tiġi żgurata informazzjoni trasparenti għall-konsumaturi;

34. Jirrikonoxxi li l-ftehim ta' Blair House tal-1992 għadu jirrappreżenta limitazzjoni sinifikanti għall-iżvilupp tal-għelejjel taż-żrieragħ żejtnin fl-UE u għalhekk iqis li huwa meħtieġ li tiġi esplorata l-possibbiltà ta' reviżjoni ta' dan il-ftehim;

35. Jisħaq li s-settur Ewropew tas-sajd jipprovdi sors importanti ta' proteina ta' kwalità għolja sostenibbli għall-użu mill-bniedem fil-forma ta' ħut frisk, u trid tinżamm il-vijabbiltà tas-settur tas-sajd;

36. Jenfasizza r-rwol tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u fid-dieti bbażati fuq proteini tajbin għas-saħħa u ta' kwalità għolja; jisħaq li l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli jista' jkollhom rwol importanti fil-bini ta' sistema tal-ikel sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrateġija Ewropea li jmiss dwar il-proteini tirrikonoxxi r-rwol tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura u l-ħtieġa li titkompla t-tranżizzjoni lejn settur tas-sajd u tal-akkwakultura aktar sostenibbli, inkluż iż-żieda fit-trattament xieraq tal-annimali fis-settur tal-akkwakultura, li jista' jwassal għal inqas mard, inqas użu ta' antibijotiċi u ekosistemi aktar b'saħħithom, filwaqt li tirrikonoxxi l-istandards għoljin ta' sostenibbiltà fl-UE; jisħaq fuq l-importanza li s-settur jiġi involut fl-iżvilupp tal-istrateġija tiegħu dwar il-proteini;

37. Jenfasizza li l-UE hija importatur nett ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, peress li kważi 60 % tal-konsum totali fl-UE huwa importat; iqis li huwa neċessarju, għalhekk, li jissaħħu l-vijabbiltà ekonomika u s-sostenibbiltà ġenerali tas-setturi Ewropej tas-sajd u tal-akkwakultura, filwaqt li jitqiesu t-tliet dimensjonijiet tagħhom (ekonomika, ambjentali u soċjali) sabiex titnaqqas id-dipendenza dejjem tikber tal-UE fuq l-importazzjonijiet; jisħaq fuq l-importanza ta' setturi tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli għall-provvista tal-proteini tal-UE u, b'mod partikolari, ir-rwol importanti tas-sajjieda fuq skala żgħira u artiġjanali kif ukoll ta' dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra, kemm fl-UE kif ukoll bnadi oħra;

38. Jenfasizza li l-konsum regolari ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huwa komponent essenzjali ta' dieta tajba għas-saħħa u li, bis-saħħa tal-karatteristiċi tajbin għas-saħħa tal-qalb, il-konsum tal-ħut għandu potenzjal konsiderevoli biex jindirizza mard relatat mad-dieta bħall-mard kardjovaskulari; jesprimi t-tħassib tiegħu, għalhekk, dwar it-tnaqqis fil-konsum tal-ħut fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu r-rwol tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, b'mod partikolari mill-produtturi lokali, fil-politiki u l-programmi nutrizzjonali tagħhom, filwaqt li jqisu l-pariri mid-WHO dwar il-konsum tal-ikel akkwatiku, b'mod partikolari billi jippromwovu l-konsum tagħhom fost gruppi speċifiċi, bħaż-żgħażagħ, u anke billi jintroduċu jew itejbu l-konsum tagħhom fl-iskejjel u fi programmi li għandhom l-għan li jindirizzaw in-nuqqasijiet nutrizzjonali speċifiċi; ifakkar, barra minn hekk, li d-Direttiva 2006/112/KE[5] tippermetti lill-Istati Membri japplikaw rati mnaqqsa tal-VAT għall-provvisti ta' oġġetti tal-ikel u servizzi relatati, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn din il-possibbiltà fir-rigward tal-prodotti tal-ħut, minħabba l-benefiċċji tal-konsum tal-ħut;

39. Huwa tal-fehma li l-akkwakultura sostenibbli hija produttur importanti tal-proteini u li l-użu tal-alka bħala ikel jew addittiv tal-għalf joffri l-potenzjal li jitnaqqsu parzjalment l-emissjonijiet mill-bhejjem kif ukoll li jkun sors tajjeb ta' proteina għall-għalf; jirrimarka li l-algi u l-mikroalgi jistgħu jkunu sors komplementari importanti ta' proteina bħala parti minn sistema sostenibbli tal-produzzjoni tal-ikel u jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dan fl-istrateġija Ewropea dwar il-proteini; jirrimarka l-potenzjal tal-innovazzjoni u ta' negozji ġodda fil-ħolqien ta' għalf ġdid tal-ħut b'impronta tal-karbonju aktar baxxa u b'impatt minimizzat fuq il-bijodiversità u li hemm bżonn li jitnaqqas aktar it-tniġġis tal-ilma mill-akkwakultura; jisħaq li aktar żvilupp u innovazzjoni sostenibbli fil-qasam tal-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti u sorsi komplementari ta' proteini huma mod kif jiġu indirizzati b'mod effettiv ħafna mill-isfidi ambjentali u klimatiċi li qed jiffaċċja s-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE;

40. Jisħaq li l-akkwakultura u l-marikultura tal-UE jistgħu jikkontribwixxu ħafna aktar milli jagħmlu bħalissa għall-produzzjoni sostenibbli tal-ikel u jipprovdu proteina aktar tajba għas-saħħa, aktar ġusta u aktar sostenibbli li hija inqas dipendenti fuq għalf ibbażat fuq il-ħut u li ma tużax għalf derivat mill-produzzjoni tal-frakass tal-fdal tal-ħut u taż-żejt tal-ħut bl-użu ta' qabdiet minn sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU); jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb it-trattament xieraq tal-annimali akkwatiċi peress li trattament aktar xieraq jimplika inqas mard, inqas użu tal-antibijotiċi u ekosistemi aktar b'saħħithom; jilqa' l-linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2021 u 2030 u jirrimarka l-ħtieġa li tiġi mmonitorjata u promossa l-implimentazzjoni tar-riformi stabbiliti fil-pjanijiet strateġiċi pluriennali għall-iżvilupp tal-akkwakultura, sabiex tingħata spinta lill-produzzjoni sostenibbli; itenni t-talbiet tiegħu fir-rigward tal-forniment ta' qafas legali robust, affidabbli, prevedibbli, simplifikat u favur in-negozju li jappoġġja l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli;

41. Jisħaq li l-insetti, dment li jissodisfaw standards għoljin ta' sikurezza, jistgħu jitqiesu bħala sors alternattiv ċirkolari utli ta' proteini, b'mod partikolari għan-nutrizzjoni organika u konvenzjonali tal-annimali, li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tan-nuqqas ta'

[5] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud. ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

proteini fl-UE u għaż-żieda taċ-ċirkolarità tal-agrikoltura; jirrikonoxxi li pi żijiet regolatorji bla bżonn ifixklu l-iżvilupp ta' agrikoltura ċirkolari u sostenibbli, bħall-projbizzjoni fuq l-użu ta' skart bijodegradabbli bħala għalf għall-insetti jew għall-fermentazzjoni tal-proteini; jenfasizza li l-interess f'din il-produzzjoni qed jikber u, ladarba jinkisbu l-ekonomiji ta' skala, l-ispejjeż tal-produzzjoni se jitnaqqsu; jinsab imħasseb dwar ir-rekwiżiti għoljin tal-enerġija tat-trobbija tal-insetti fuq skala kbira u jisħaq li jeħtieġ li jiġu analizzati l-effetti ambjentali, tas-saħħa, tat-trattament xieraq tal-annimali, soċjali u ekonomiċi;

42. Huwa tal-fehma li l-awtorizzazzjonijiet li jsiru permezz tal-leġiżlazzjoni dwar ikel ġdid għandhom ikunu bbażati fuq l-aqwa assigurazzjonijiet tas-sikurezza tal-ikel tal-prodott u li l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent għandu jiġi kkunsidrat, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni; jisħaq li l-proċess ta' awtorizzazzjoni jeħtieġ li jkun aktar trasparenti u aktar effiċjenti, mingħajr ma jitbaxxew l-istandards għoljin tas-sikurezza tal-ikel; jenfasizza li jrid jiġi segwit approċċ "Saħħa Waħda" fir-rigward tal-iżvilupp tal-produzzjoni ta' proteini ġodda u li jeħtieġ li tiġi segwita l-leġiżlazzjoni rilevanti dwar it-trattament xieraq tal-annimali u tal-ambjent;

43. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni tal-impatt komprensiv ta' ikel ġdid għall-konsum mill-bniedem f'konformità mal-mudell agrikolu Ewropew, is-soċjetà, is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent u l-ekonomija; jisħaq li għandu jiġi kkunsidrat il-prinċipju ta' prekawzjoni;

44. Jinnota li l-ikel ibbażat fuq iċ-ċelloli, li jiġi prodott billi jiġu kkultivati ċelloli iżolati mill-pjanti u mill-annimali, jippreżenta sfidi etiċi, soċjali, ambjentali u ekonomiċi, u r-regolament dwar Ikel Ġdid[6] mhuwiex adatt għall-iskop tiegħu; jenfasizza li l-interessi u l-aspettattivi tal-konsumaturi jridu jiġu riflessi aħjar;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ikel fl-UE joriġina minn sistemi ta' biedja sostenibbli; ifakkar fir-rabta bejn il-produzzjoni sostenibbli tal-ikel, in-natura, il-bdiewa u l-iżvilupp rurali u jissottolinja l-valur miżjud u s-servizzi tal-ekosistema pprovduti mill-bdiewa;

46. Jappella għal aktar riċerka u żvilupp dwar is-sikurezza u l-produzzjoni sostenibbli tal-proteini fl-UE u l-impatt tagħhom abbażi ta' approċċ "Saħħa Waħda"; jissottolinja l-ħtieġa urġenti li r-riċerka pubblika u privata, l-infrastruttura tar-riċerka u l-faċilitajiet ta' dimostrazzjoni jespandu sistema ta' proteini reżiljenti tal-UE; jenfasizza r-rwol importanti tal-istituti tar-riċerka fl-Unjoni Ewropea biex is-sistema tal-ikel tal-UE ssir saħansitra aktar effiċjenti u sostenibbli;

***Approċċ olistiku li jinkludi l-katina sħiħa tal-valur tal-ikel***

47. Jissottolinja li huma meħtieġa koordinazzjoni u kollaborazzjoni mtejba bejn il-partijiet ikkonċernati tal-katina tal-provvista, tul il-katina sħiħa tal-valur, biex jitnaqqsu d-

[6] Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001, ĠU L 327 11.12.2015, p. 1.

differenzi attwali bejn il-bdiewa, il-proċessuri u l-bejjiegħa bl-imnut; jisħaq li kollaborazzjonijiet kollettivi aktar b'saħħithom bejn l-atturi, b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjonijiet tal-bdiewa u l-kooperattivi agrikoli, għandhom jiġu promossi b'mod attiv bil-ħsieb li jissawru ktajjen ta' valur miżjud ogħla;

48. Jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati jużaw ir-regoli kollha disponibbli previsti fir-Regolament dwar l-OKS[7] għall-benefiċċju ta' ktajjen effiċjenti u innovattivi; jistieden lill-partijiet ikkonċernati jiżviluppaw kuntratti sabiex jippjanaw il-produzzjoni fit-tul; jemmen li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, b'mod partikolari l-kooperattivi, kif ukoll l-organizzazzjonijiet interprofessjonali, għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fl-istrutturar u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur tal-proteini;

49. Jenfasizza l-importanza tal-aċċettazzjoni tal-konsumatur u tal-informazzjoni għall-konsumatur; jisħaq li l-produzzjoni ta' proteini bbażati fuq il-pjanti u alternattivi jeħtieġ li tissodisfa l-aspettattivi tal-konsumatur, li jinvolvi aktar titjib fil-funzjonalitajiet ta' dawn il-proteini f'termini ta' togħma, konsistenza, valur nutrizzjonali u prezz;

50. Iqis li l-konsumaturi qed isiru aktar konxji tal-ikel li jikkunsmaw u kif ġie prodott; itenni l-appell tiegħu biex il-konsumaturi jingħataw aktar informazzjoni dwar l-impatt ambjentali ta' prodotti tal-ikel differenti, inklużi proteini, kif ukoll informazzjoni dwar il-produzzjoni tagħhom, sabiex jingħata kontribut għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni, espressa fl-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", li testendi r-rekwiżit għal indikazzjonijiet obbligatorji tal-oriġini jew tal-provenjenza għal prodotti addizzjonali;

51. Jenfasizza li l-ammont ta' proteini tal-pjanti prodotti b'mod sostenibbli fl-UE mhux se jiżdied fin-nuqqas ta' domanda tas-suq jew profitti adegwati għall-bdiewa; jemmen li appoġġ pubbliku mmirat, bħall-ekoskemi, jista' jagħti spinta lill-profittabbiltà tal-kultivazzjoni tal-għelejjel; iħeġġeġ lill-atturi tas-suq jiżviluppaw tekniki għad-determinazzjoni tal-kontenut u l-kwalità tal-proteini fiċ-ċereali, fil-pjanti tal-proteini u fl-għalf sabiex jirriflettu aħjar il-valur tal-proteini; jisħaq li żieda fit-trasparenza tas-suq tista' ttejjeb il-funzjonament tas-suq, tnaqqas il-ħela u ġġib magħha settur tal-ikel aktar ċirkolari; jemmen li l-istrateġiji ta' politika u l-oqfsa leġiżlattivi għandhom jinċentivaw dawn is-swieq; jisħaq li l-produzzjoni ta' proteini tal-pjanti b'kontenut aktar baxx ta' proteini tibqa' essenzjali, flimkien mal-produzzjoni ta' għelejjel b'livell għoli ta' proteini, u li l-iżvilupp ta' dawk is-sorsi għandu jkun immexxi mill-prinċipju ta' bilanċ tal-massa pożittiv fir-rigward tal-materja niexfa u l-proteini;

52. Iqis li l-industrija tal-ipproċessar tal-ikel hija parti integrali mill-katina tal-valur tal-proteini ċirkolari peress li tippermetti li jinkiseb aktar valur mill-għelejjel li fihom il-proteini; jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità li jiġu pproċessati proteini bbażati fuq il-pjanti; iqis li huwa importanti li l-industrija tal-ipproċessar timmappja l-flussi tal-iskart tagħha sabiex ikunu jistgħu jiġu kwantifikati u tissaħħaħ iċ-ċirkolarità tagħhom;

53. Itenni l-mira tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" li tnaqqas il-ħela tal-ikel b'50 %, li tista' tintlaħaq parzjalment permezz ta' katina tal-provvista tal-ikel iqsar u aktar

---

[7] Test konsolidat: Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007. ĠU L 347 20.12.2013, p. 671.

effiċjenti u agrikoltura u settur tal-produzzjoni tal-ikel aktar ċirkolari, li fih l-iskart bijodegradabbli jitqies bħala riżorsa aktar milli bħala skart; itenni li l-iżgurar ta' għajxien sostenibbli għall-produtturi primarji huwa kruċjali sabiex jintlaħqu l-miri tal-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt";

54. Jisħaq fuq l-importanza li jitnaqqas ir-rimi sabiex tiġi evitata l-ħela tal-ikel; itenni, f'dan ir-rigward, l-appell mir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2021[8] biex jiġu identifikati opportunitajiet kummerċjali u/jew karitatevoli fi sforz biex isir l-aħjar użu possibbli ta' dawk il-qabdiet inevitabbli jew il-qabdiet mhux mixtieqa taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, filwaqt li jiġu ffavoriti tekniki tas-sajd li jevitaw u jnaqqsu tali qabdiet, kemm jista' jkun; jissottolinja, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jiġi pprevenut il-ħolqien jew l-espansjoni ta' suq sekondarju tal-frott tal-baħar;

55. Jissottolinja li ħafna bdiewa ma għandhomx l-għarfien meħtieġ biex ikabbru l-għelejjel leguminużi b'mod effettiv; ifakkar fil-ħtieġa li jiġu promossi sistemi ta' għarfien u innovazzjoni agrikoli, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-taħriġ, li jippermettu lill-atturi kollha tal-katina tal-ikel jsiru sostenibbli billi, fost l-oħrajn, jitħaffu l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea toħloq pjattaforma online faċilment aċċessibbli għall-iskambju ta' eżempji tal-aħjar prattika u ta' informazzjoni dwar il-produzzjoni ta' proteini bbażati fuq il-pjanti u l-annimali;

56. Jisħaq li hija meħtieġa azzjoni fil-livelli kollha sabiex tiżdied il-produzzjoni sostenibbli tal-proteini, b'mod partikolari l-produzzjoni domestika ta' proteini bbażati fuq il-pjanti, billi jiġu appoġġjati l-bdiewa, speċjalment l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju u l-azjendi agrikoli tal-familja; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jintroduċu u jżidu l-investiment u l-appoġġ għar-riċerka fil-livelli tas-sistema, tan-negozju u tal-produzzjoni, pereżempju billi jipprovdu appoġġ għall-investiment lill-katina tal-ipproċessar;

57. Jemmen li l-akkwist pubbliku għandu jinċentiva produzzjoni u konsum tal-proteini aktar sostenibbli;

*Azzjonijiet ta' politika konkreti*

58. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq l-azzjonijiet ta' politika li ġejjin:

   i. Regolament dwar l-addittivi tal-għalf li jippromwovi l-istabbiltà u l-innovazzjoni fil-produzzjoni tal-addittivi tal-għalf;

   ii. Qafas leġiżlattiv xieraq biex jiġu vvalutati t-talbiet għall-awtorizzazzjoni tal-ikel ibbażat fuq iċ-ċelloli, filwaqt li jitqiesu d-dimensjonijiet etiċi, soċjali, tas-saħħa, ambjentali u ekonomiċi ta' tali prodotti;

   iii. Dokument ta' gwida xjentifika u teknika li jikkomplementa d-dokument ta' gwida amministrattiva dwar it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal ikel ġdid sabiex jiġi ċċarat il-proċess ta' awtorizzazzjoni, filwaqt li jiġu żgurati l-aqwa

[8] Riżoluzzjoni tat-18 ta' Mejju 2021 dwar li nilħqu l-objettivi tal-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tal-Politika Komuni tas-Sajd, ĠU C 15, 12.1.2022, p. 9.

assigurazzjonijiet u standards tas-sikurezza tal-ikel u evalwazzjoni xierqa tar-riskji potenzjali għall-konsum mill-bniedem, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni;

iv. Direttiva dwar il-prodotti sekondarji li tippermetti li aktar tipi ta' prodotti sekondarji bijodegradabbli jitqiesu bħala għalf u li tippermetti li jintużaw u jiġu ttrasportati residwi tal-produzzjoni tal-ikel;

v. Qafas tal-enerġija rinnovabbli li jipprovdi regolamentazzjoni fit-tul, sostenibbli u stabbli għall-użu ta' flussi sekondarji mill-estrazzjoni tal-proteini tal-pjanti, residwi agrikoli u flussi ta' skart tal-produzzjoni tal-ikel għall-produzzjoni tal-bijoenerġija filwaqt li tingħata prijorità lill-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf fuq art agrikola fertili;

vi. Direttiva dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija li tipprovdi regoli ta' tassazzjoni ċari u fit-tul u li tinċentiva l-produzzjoni tal-fjuwils kollha b'bażi bijoloġika;

vii. Regolament dwar tekniki ġenomiċi ġodda li jippermetti li jiġu adottati tekniki ġodda ta' tnissil, mingħajr ma jiżdiedu l-pożizzjonijiet dominanti fis-suq u filwaqt li titqies il-ħtieġa speċifika għall-innovazzjoni mill-SMEs Ewropej;

viii. Qafas ta' ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju li jippermetti prattiki tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola relatati mal-kultivazzjoni ta' għelejjel b'livell għoli ta' proteini, filwaqt li jiżgura introjtu addizzjonali għall-bdiewa;

ix. Taħlita ta' regoli tal-PAK li jipprovdu qafas stabbli, prattiki ta' ġestjoni flessibbli u inċentivi għall-produzzjoni ta' għelejjel, artijiet bil-ħaxix u legumi rikki fil-proteini u ħsad aktar rikk fil-proteini ta' għelejjel, artijiet bil-ħaxix u legumi b'mod ġenerali; il-produzzjoni ta' għelejjel b'kontenut għoli ta' proteini għandha tiġi inċentivata fil-PAK attwali u permezz ta' ekoskemi; il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-possibbiltà li tippermetti li għelejjel tal-ikel b'kontenut għoli ta' proteini jitkabbru fuq art imwarrba, filwaqt li jiġu rispettati regoli ambjentali stretti; il-Kummissjoni għandha tressaq dokument ta' gwida bl-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tal-PAK sabiex tissaħħaħ il-kultivazzjoni ta' għelejjel sostenibbli b'kontenut għoli ta' proteini, bħal pjanti li fihom il-proteini u pjanti leguminużi, flimkien ma' pjan direzzjonali dwar strateġiji għal rabtiet aktar b'saħħithom bejn it-trobbija tal-bhejjem u l-potenzjal reġjonali tal-għalf;

x. Qafas regolatorju għall-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jippermetti wkoll il-monitoraġġ u r-riċerka xjentifika dwar l-okkorrenza, l-iżvilupp u t-tixrid ta' pesti u patoġeni li jipperikolaw il-ħsad b'suċċess tal-għelejjel li fihom il-proteini;

xi. Strateġija ċara ta' finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp biex tippromwovi u tistimula l-iżvilupp ta' miżuri alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti f'termini ta' innovazzjonijiet tekniċi bħall-biedja ta' preċiżjoni jew l-użu tar-robotika, insetti li huma ta' benefiċċju u pestiċidi b'periklu baxx;

xii. Tikketta bbażata fuq ix-xjenza u volontarja fil-qafas leġiżlattiv għal sistemi tal-ikel sostenibbli li tippermetti tqabbil tal-impronta ambjentali tal-ikel u rekwiżiti simili għall-għalf, ibbażata xjentifikament fuq data reali dwar il-prodott;

xiii. Karta tal-bilanċ tal-proteini tal-ikel;

xiv. Regolament dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali li, filwaqt li jkompli japplika livelli għoljin ta’ sikurezza għall-prodotti agrikoli pproċessati, jiftaħ il-possibbiltà li jintużaw aktar oġġetti tal-ikel u ingredjenti li joriġinaw mill-ħut bħala għalf;

xv. Kombinament ta’ regoli tal-akkwist pubbliku li jagħmilha aktar faċli li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta’ sostenibbiltà;

xvi. Strateġija ċara ta’ finanzjament fit-tul għar-riċerka u l-iżvilupp, inklużi inċentivi finanzjarji biex jiġu promossi u stimulati proteini prodotti b’mod sostenibbli, speċjalment proteini bbażati fuq il-pjanti u bbażati fuq l-annimali, għall-ikel u l-għalf fl-UE, bl-użu u l-isfruttar tal-potenzjal ta’ Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-Programm LIFE, EIT Ikel u finanzjament rilevanti ieħor tal-UE għat-teknoloġija tal-ikel u l-iżvilupp agrikolu;

xvii. Fuq perjodu ta’ żmien qasir, deroga temporanja b’biżżejjed ċertezza tad-dritt biex jiġi żgurat li tkun tista’ tintuża RENURE u, fit-tul, l-applikazzjoni legali tal-kriterji dwar RENURE żviluppati mill-JRC abbażi ta’ kriterji xjentifiċi, li tikklassifikahom bħala fertilizzant kimiku skont id-Direttiva dwar in-Nitrati[9];

xviii. Ir-riċerka dwar it-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem, speċjalment fir-rigward tal-użu ta’ ingredjenti li ma jittiklux u prodotti sekondarji fl-għalf, għandha tkompli tiġi appoġġjata;

xix. Emenda tal-Anness III tad-Direttiva dwar in-Nitrati biex jiġi aġevolat l-użu tad-diġestat mill-iskart organiku miksub mid-diġestjoni anaerobika tad-demel tal-bhejjem;

xx. Qafas biex jgħaqqad il-produzzjoni ta’ proteini bbażati fuq il-pjanti mal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD);

xxi. Il-politiki li jiżguraw li l-importazzjonijiet tal-proteini jissodisfaw standards ta’ produzzjoni u kwalità komparabbli f’termini tal-impatti tagħhom fuq is-saħħa u l-ambjent sabiex jiġu evitati rilokazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-karbonju, tissaħħaħ il-kompetittività għall-produtturi tal-UE meta mqabbla ma’ produtturi barra mill-UE, u biex jiġu żgurati standards ogħla fuq livell globali;

xxii. Strateġija dwar ir-ragħa għall-Ewropa bl-għan li jiġi promoss ragħa estensiv fejn dan jaqbel mal-kundizzjonijiet u l-kuntest reġjonali, studju dwar il-potenzjal fl-UE kollha u r-rekwiżiti tal-art tal-għelejjel li fihom il-proteini u żejtnin li jistgħu jitkabbru fl-UE u studju tal-impatt li ġġib magħha l-introduzzjoni ta’ suq tal-futuri tal-proteini biex il-bdiewa jkunu jistgħu jimmaniġġjaw ir-riskji tagħhom;

xxiii. Studju analitiku dwar l-ispazju disponibbli fis-suq għall-proteini li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni;

[9] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta’ Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli, ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

xxiv. Aktar riċerka dwar il-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja nutrizzjonali (n-LCA) tal-ikel;

°

° °

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-proteini huma komponenti essenzjali u indispensabbli għal dieti bbilanċjati u tajbin għas-saħħa, in-nutrizzjoni tal-bniedem u l-għalf tal-annimali. Il-proteini tal-pjanti huma kruċjali wkoll għat-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, filwaqt li żieda fil-kultivazzjoni tal-legumi u tal-artijiet bil-ħaxix tikkontribwixxi għal agrikoltura aktar sostenibbli u diversifikata u tnaqqas il-ħtieġa ta' inputs ta' fertilizzanti.

Barra minn hekk, l-ipproċessar tal-għelejjel li fihom il-proteini u tal-artijiet bil-ħaxix f'dqiq tal-proteini ta' livell għoli jiġġenera prodotti sekondarji żejtnija li jistgħu jikkontribwixxu għall-ekonomija ċirkolari u jintużaw għall-konsum mill-bniedem, għall-enerġija rinnovabbli, għall-fertilizzanti, għall-għalf tal-annimali jew għall-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi ekoloġiċi. Il-proteini tal-pjanti jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Għalhekk, id-domanda għall-proteini hija mistennija li tikber fuq bażi kontinwa kemm globalment kif ukoll fl-UE. L-UE għandha produzzjoni ewlenija ta' proteini; pereżempju, l-UE tipproduċi 77 % tal-proteina użata għall-għalf. Madankollu, l-UE għandha defiċit f'pjanti rikki fil-proteini, b'tali mod li 29 % biss tal-għalf b'livell għoli ta' proteini meħtieġ biex jibbilanċja r-razzjonijiet tal-għalf tal-bhejjem joriġina mill-UE. Fl-istess ħin, il-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni Russa fl-Ukrajna kellhom effetti drammatiċi fuq il-kummerċ globali u għamluha ċara li l-UE teħtieġ tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista tal-ikel tagħha, kif indikat fid-dikjarazzjoni ta' Versailles.

Għalhekk, il-ħtieġa ta' strateġija komprensiva tal-UE dwar il-proteini li għandha tippermetti ż-żieda fil-produzzjoni tal-UE tal-proteini fuq perjodu qasir, medju u twil ta' żmien, issir aktar evidenti. Ir-rapporteur hija tal-fehma li l-istrateġija dwar il-proteini għandha tkun ibbażata fuq il-ħames pilastri li ġejjin:

**1. Viżjoni għal żieda fil-produzzjoni tal-proteini fl-UE**

Il-produzzjoni tal-proteini trid tiġi rikonoxxuta bħala aspett kruċjali tas-sistema tal-ikel tal-UE, filwaqt li għandu jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli tas-sorsi kollha possibbli ta' proteini. Id-dipendenza fuq fornitur wieħed jew fuq ftit fornituri għandha titnaqqas.

**2. Kundizzjonijiet aħjar għall-produzzjoni tal-proteini fl-UE**

Il-bdiewa jeħtiġilhom ikunu fiċ-ċentru tal-istrateġija dwar il-proteini. Agrikoltura kompetittiva tiddependi minn inputs sostenibbli, bħal addittivi tal-għalf, materjal tal-pjanti tajjeb, fertilizzanti u ħamrija b'saħħitha.

B'mod partikolari, huma meħtieġa materjali tal-pjanti tajbin sabiex tiżdied il-produzzjoni tal-proteina bbażata fuq il-pjanti. Barra minn hekk, il-prattiki tat-tkabbir u l-użu ta' għelejjel rikki fil-proteini spiss jirrikjedu prattiki ġodda ta' ġestjoni u kooperazzjoni bejn il-bdiewa.

**3. L-iżvilupp ta' proteini bbażati fuq il-pjanti u alternattivi għall-ikel u l-għalf**

L-iżvilupp tas-settur tal-proteini bbażat fuq il-pjanti se jkun ta' benefiċċju għall-bdiewa Ewropej, għall-kwalità tal-ħamrija, għall-bijodiversità, għall-klima u għas-saħħa tal-bniedem. Il-politiki tal-istrateġija dwar il-proteini jridu joħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn l-atturi u l-

prodotti. Huwa kruċjali li jissaħħu r-riċerka u l-iżvilupp fil-proteini bbażati fuq il-pjanti u alternattivi.

**4. Approċċ olistiku li jinkludi l-katina kollha tal-valur tal-ikel**

Il-produzzjoni tal-proteini fl-UE mhux se tiżdied jekk ma jkunx hemm domanda mmexxija mis-suq għaliha. Għalhekk huma meħtieġa koordinazzjoni u kollaborazzjoni mtejba fost l-atturi tal-katina tal-provvista biex jitnaqqsu d-differenzi attwali bejn il-bdiewa, il-proċessuri u l-bejjiegħa bl-imnut.

**5. Azzjonijiet ta' politika konkreti**

Ir-rapporteur tissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tressaq sensiela ta' azzjonijiet ta' politika, fosthom:

- Miżuri leġiżlattivi bħal regolament dwar l-addittiv tal-għalf li jippermetti stabbiltà u innovazzjonijiet fl-addittiv tal-għalf; leġiżlazzjoni dwar prodotti ġodda tal-ikel li tissimplifika u tħaffef il-proċessi ta' awtorizzazzjoni; direttiva dwar l-iskart li twessa' l-għadd tat-tipi ta' skart bijodegradabbli li għandu jitqies bħala għalf; direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli li tippermetti regolamentazzjoni stabbli fit-tul għall-produzzjoni tal-bijokarburanti; regolament dwar tekniki ġenomiċi ġodda; kombinament ta' regoli tal-PAK li jipprovdu inċentivi għall-produzzjoni ta' għelejjel, artijiet bil-ħaxix u legumi rikki fil-proteini;

- Miżuri oħra ta' politika bħal karta tal-bilanċ tal-proteini tal-ikel; qafas ta' tolleranza ogħla lejn diffikultajiet tekniċi filwaqt li jinżammu livelli għoljin ta' sikurezza ta' prodotti agrikoli pproċessati (PAPs); strateġija ċara ta' finanzjament għar-R&Ż biex tippromwovi l-adozzjoni fis-suq ta' proteini bbażati fuq il-pjanti għall-ikel u l-għalf fl-UE.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 19.9.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 34<br>–: 9<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Dacian Cioloş, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, José Manuel Fernandes, Paola Ghidoni, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Jarosław Kalinowski, Camilla Laureti, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Eugenia Rodríguez Palop, Daniela Rondinelli, Bronis Ropė, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Veronika Vrecionová, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Rosanna Conte, Peter Jahr, Petros Kokkalis, Tilly Metz, Michaela Šojdrová, Irène Tolleret, Emma Wiesner |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 34 | + |
|---|---|
| ECR | Mazaly Aguilar, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová |
| ID | Ivan David |
| NI | Dino Giarrusso |
| PPE | Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, José Manuel Fernandes, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Marlene Mortler, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Michaela Šojdrová, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Renew | Dacian Cioloş, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Ulrike Müller, Irène Tolleret, Emma Wiesner, Asger Christensen |
| S&D | Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Camilla Laureti, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli |

| 9 | - |
|---|---|
| ID | Angelo Ciocca, Rosanna Conte, Paola Ghidoni |
| S&D | Maria Noichl |
| Verts/ALE | Benoît Biteau, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Tilly Metz, Bronis Ropė |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ID | Gilles Lebreton |
| The Left | Petros Kokkalis, Eugenia Rodríguez Palop |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni